**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 12 ta' Jannar, 2016**

**Fl-atti tar-rikors numru:- 68/2011JVC**

**Margaret Vella mart George Vella u l-istess George Vella f'ismu proprju u ghan-nom u bhala legittimu rapprezentant t'ibnu minuri Julian Vella, kif ukoll Maria Regina xebba Zerafa u Ronald sive Ronnie Vella**

**Vs**

**Anton Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew:-

1. Illi l-atturi huma l-proprjetarji ta' porzjon ta' raba msejha "Tax-Xwejha" ta' kejl ta' cirka seba' mija u disghin metri kwadri (790m$^2$) u konfinanti mil-lvant mal-beni ta' Gangu Vella, tramuntana ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mill-punent mal-beni ta' Francesco Vassallo, liema ghalqa hija accessibli minn passagg li jigi min-naha tan-nofsinhar u li jizbokka ghal Triq il-Mithna, limiti tar-Rabat, Ghawdex;

2. Illi dan il-jedd ta' passagg jghaddi minn go fond serventi proprjeta' tal-konvenut intimat, liema jedd ta' passagg kemm-il darba gie disturbat mill-konvenut intimat u dan kif jirrizulta minn sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom 'Margaret Vella mart George Vella u l-istess George Vella f'ismu proprju u ghan-nom u bhala legittimu rapprezentanti t'ibnu minuri, Julian Vella, Maria Regina xebba Zerafa u Ronald sive Ronnie Vella -vs- Anton Vella', hawn annessa u mmarkata bhala Dok MV1, datata 8 t'April 2001 bin-numru tac-Citazzjoni 49/95G1(PC) fejn l-Onorabbli Qorti sabet

lill-konvenut intimat ta' spoll vjolenti u klandestini meta huwa ghalaq il-passagg hawn indikat;

3. Illi ricentement il-konvenut intimat beda jesegwixxi xi xoghlijiet fil-proprjeta' tieghu bir-rizultat li dan il-passagg m'ghadux jezisti u dan kif jidher min-numru ta' ritratti hawn annessi u mmarkati Dok MV2 sa Dok MV4, fejn jirrizulta li l-passagg suggett ta' dan ir-rikors guramentat gie distrutt mill-konvenut intimat ghad-dannu tal-atturi rikorrenti;

4. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi b'ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu 2011, hawn anness u mmarkata bhala Dok MV5, kif ukoll ittra legali datata 13 ta' Gunju 2011, hawn annessa u mmarkata Dok MV6, sabiex il-konvenut intimat jipprestina l-passagg hawn indikat sabiex l-atturi rikorrenti jerga' jkollhom access ghall-ghalqa taghhom, il-konvenut intimat baqa' ghaddej bix-xoghlijiet fuq il-proprjeta' tieghu filwaqt li offra access alternattiv liema access alternattiv huwa wiehed ferm iktar oneruz sabiex l-atturi rikorrenti jkollhom id-dritt t'access ghar-raba taghhom u dan bi ksur lampanti tal-Artikolu 474, tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi ghalhekk kellha tigi addottata din il-procedura;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut intimat nehha l-jedd ta' passagg meta huwa ghamel xoghlijiet fil-proprjeta' tieghu bil-konsegwenza li l-passagg li jizbokka minn Triq Mithna ghall-ghalqa tal-atturi rikorrenti llum ma ghadux jezisti;

2. Tiddikjara illi l-passagg alternattiv offrut mill-konvenut intimat hu wiehed iktar onoruz mill-passagg ezistenti u dan bil-konsegwenza li jaghmel l-uzu tas-servitu' mill-atturi rikorrenti jkun ta' xkiel akbar bi ksur ta' Artikolu 474 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Tordna lill-konvenut intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, ipoggi l-passagg ghall-ghalqa tal-atturi rikorrenti minn Triq il-Mithna, fl-istat prestin tieghu u b'hekk jerga'

jipprestina lill-atturi rikorrenti mill-jedd ta' passagg taghhom ghall-imsemmija raba' u dan taht id-direzzjoni ta' perit nominandi;

4. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi rikorrenti sabiex jaghmlu x-xoghlijiet kollha necessarji sabiex ipoggu l-passagg ghall-ghalqa taghhom minn Triq il-Mithna, fl-istat prestin tieghu u dana a spejjez tal-istess konvenut intimat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anton Vella li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici li huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u di fatti dan l-allegat passagg ilu ma jintuza ghal snin twal tant illi l-istess atturi ma jistghux issa jippretendu dritt ta' access minn fuq il-proprjeta' tal-intimat;

2. Illi in oltre, l-esponenti anke fl-access li zammet dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 8/2011 kien diga' fforma – u dana hekk kif indikat fil-pjanti tal-MEPA – passagg ghall-atturi;

3. Illi waqt l-istess access, l-esponenti wera lil din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta passagg alternattiv u li huwa ferm aktar konvenjenti u inqas gravuz mill-access ezistenti li izda ghal ragunijiet maghrufa lill-atturi biss, dawn baqghu u jidher li ghadhom jirrifjutaw tali passagg.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi nhar is-27 ta' Marzu 2012 sar access fuq is-sit in kwistjoni minn din il-Qorti diversament preseduta u dan gie dokumentat permezz ta' verbal a fol. 33 et seq tal-process;

Rat illi fid-digriet tal-Qorti datat 29 ta' Jannar, 2013 din il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-AIC Shaun Micallef 'sabiex jirrelata dwar jekk il-passagg alternattiv offrut mill-konvenut hux wiehed aktar oneruz mill-passagg originali u dan bil-konsegwenza li ghamel l-uzu tas-servitu mill-atturi hu ta' xkiel akbar.'

Rat illi a fol. 55 et seq tal-process il-Perit prezenta l-konkluzzjonijiet tiegħu;

Rat ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha esebita u annessa;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2015 il-partijiet iddikjaraw li ma kienx fadlilhom provi xi jressqu u l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni għal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw is-sottomissjonijiet tagħhom.

Rat is-sottomissjonijiet prezentati fl-atti;

Rat l-atti kollha.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

**Fatti u provi:**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawża huma li mhux kontestat li l-atturi huma proprjetarji ta' porzjoni raba' ġewwa r-Rabat, Għawdex u li oriġinarjament l-aċċess għal ġewwa din l-għalqa kien minn fuq proprjeta' tal-konvenut li tmiss in parti mar-raba' in kwistjoni. Dan jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tal-kawża ta' spoll deċiża preċedentement bejn il-partijiet u li tinsab esebita fl-atti a fol. 5 et seq tal-process. Jirriżulta wkoll inkontestat li l-konvenut ilu żmien twil jipprova jaqta' dan id-dritt ta' passaġġ mhux dejjem neċċessarjament b'metodi in linja mal-liġi u għalhekk kien hemm il-kawża ta' spoll preċedentement. Fis-sena 2011 iżda l-konvenut beda jibni u ġie ntavolat mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tiegħu mill-atturi. Għalkemm dan il-mandat ta' inibizzjoni ġie milqugħ provviżorjament finalment ġie miċħud minn din il-Qorti diversament preseduta wara li għamlet aċċess fuq is-sit u għar-raġunijiet kif isegwu:

'Billi jirriżulta li l-intimat ipprovda aċċess alternattiv lir-rikorrenti li huwa x'aktar iżjed komdu minn dak oriġinali.

Billi għalhekk ma jidhirx li dan il-mandat huwa meħtieġ biex jiġu mħarsa il-jeddijiet tar-rikorrenti.

Tiċħad it-talba ...' (atti annessi tal-mandat ta' inibizzjoni numru 8/2011 PC)

Madwar tliet xhur wara c-cahda tal-mandat suespost, giet intavolata din il-kawza fejn l-atturi qed isostnu li ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega mill-artikolu 474 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-konvenut ikollu l-jedd li jbiddel il-passagg tal-atturi u dan stante li skont huma 'l-access alternattiv huwa wiehed ferm iktar oneruz sabiex l-atturi rikorrenti jkollhom d-dritt t'access ghar-raba' taghhom.' Ghalhekk giet intavolata din il-kawza. Il-konvenut da parti tieghu principalment isostni li l-passagg alternattiv huwa ahjar mill-passagg li kien jezisti u ghalhekk jikkwalifika taht l-artikolu 474 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti ma jirrizultax li huwa kontestat li l-passagg originali llum tnehha u gie rimpjazzat bi zvilupp mill-konvenut. Jirrizulta izda li l-attrici Margaret Vella baqghet issostni sal-ahhar f'dawn l-atti dak li sostniet anki fl-access li sar mill-Magistrat precedenti kif isegwi:

'Nghid illi l-konvenut offrielna passagg alternattiv minn gol-proprjeta' tieghu billi naccedu minn gol-garaxx u fil-fatt kif gia spjegajt fl-access, hemm dizlivell u nghaddu minn dan l-ispeci ta' passagg li qed joffrielna, pero' dan ghalina m'huwiex accettabbli ghaliex ikun difficli hafna anki biex innizzlu u ntellghu l-mohriet, mentri jiena qabel kelli passagg ghall-wita' u ghad-dritt u kien twil ukoll,' (fol. 40)

Illi waqt il-verbal tal-access a fol. 33 tal-process saret referenza ghall-passagg iehor kif isegwi:

'Il-Qorti qed tigi murija, il-Qorti flimkien mal-partijiet accediet ukoll fl-ghalqa tar-rikorrenti u qed jigi wkoll muri li fil-proprjeta' li bhalissa qed tinbena u li hija proprjeta' ta' terz fil-fatt ser jinbena, ser jithalla passagg appozitu sabiex ir-rikorrenti tista' taccedi minnu u fil-fatt tigi fl-ghalqa taghha. Nghid illi mit-triq ghall-blokka tal-passagg fil-fatt mkejjel u hemm hamsa u ghoxrin (25) pied. Il-wisa' tal-passgg se jkun metru kif kien l-antik u mhux ser jkun hemm l-ebda dizlivell u l-art tieghu se tkun tal-konkos. '

Fir-rigward ta' dan it-tieni passagg alternattiv l-attrici xorta wahda baqghet issostni li dan mhux altervattiva tajba nonostante li huwa evidenti li huwa wkoll ghall-wita', tal-istess wisgha bhal dak precedenti u ferm aqsar. Finalment fl-atti l-attrici lmentat li hija ma tat l-ebda kunsens sabiex jinfetah l-access mill-proprjeta' ta' terzi ghar-raba'

taghha sabiex taccedi hi u li dan il-passagg huwa accessibbli wkoll ghall-terzi.

Irrizulta lill-Qorti mill-atti li anki l-passagg li kien jezisti ma kienx uzat mill-attrici Margaret Vella biss izda anki minn persuni ohra fil-fatt l-atturi f'din il-kawza huma hamsa. Ghandu izda jigi rilevat li quddiem il-Qorti u fl-atti jirrizulta li hadet parti attiva biss f'dawn il-proceduri Margaret Vella biss u ebda persuna ohra ndikata bhala attur.

Illi fir-rapport tieghu l-abbli Perit imqabbad mill-Qorti ha nota ta' tliet passaggi alternattivi offerti mill-konvenut kif isegwi:

1) Access mill-istess post li kien hemm qabel bid-differenza li nholoq dizlivell;
2) Access minn Triq Patri Anton Debono ghal fuq bicca raba li hi tal-gvern;
3) Access minn blokk ta' appartamenti fi Triq Patri Anton Debono;

u l-konkluzzjonijiet tieghu a fol. 59 tal-process kienu kif isegwi:

'1) L-ewwel proposta ossija dik minn Triq il-Mithna huwa oneruz minhabba d-dizlivelli li nholqu sabiex wiehed jista' jasal ghal go l-ghalqa ta' l-attrici Margaret Vella u dana minhabba l-fatt li l-passagg originali li kien hemm kien livell wiehed ma' dak tat-triq.

2) Ghalkemm dan l-access jaghmilha facli sabiex l-attrici Margaret Vella taccessa r-raba taghha, il-fatt li hija trid tghaddi minn fuq raba proprjeta' tal-gvern ma huwiex qieghed jigi kkunsidrat bhala access alternattiv.

3) L-ahhar access huwa dak minn Triq Patri Anton Debono. Dan l-access ghalkemm ma huwiex mill-istess parti minfejn kien l-access originali, huwa passagg li jista' jitqies bhala alternattiva tajba ghal dak li kien jezisti qabel mal-konvenut ibblokka l-access li minnu kienet tghaddi l-attrici Margaret Vella.'

Illi dwar dan l-ahhar access giet prezentata dokumentazzjoni fl-atti li tevidenzja li dan id-dritt ta' passagg favur l-atturi fuq proprjeta' ta' terzi (li effettivament jirrizulta li huwa hu l-konvenut) jirrizulta sahansitra minn kuntratt pubbliku esebit a fol. 99 tal-process fejn il-parti saljenti taqra kif isegwi:

'Fl-imsemmi kuntratt il-partijiet naqsu li jiddikjaraw li din l-art hija soggetta ghall-passagg favur porzjon raba' iehor retropost ghal dak li hawn fuq deskritt li huwa proprjeta' ta' Margaret Vella u Regina Zerafa.

Ghal kull buon fini, bis-sahha ta' dan l-att il-partijiet jiddikjaraw li l-imsemmi porzjoni raba' kien soggett ghal dritt ta' passagg kif indikat bil-kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa bhala dokument 'A' u liema passagg se jithalla mill-kompraturi fil-binja li huma bi hsiebhom jibnu fuq dan il-proporzjon raba' u dan kif indikat bl-istess kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa bhala dokument 'B'.'

Dan il-kuntratt gie konfermat quddiem din il-Qorti mill-istess Nutar li ppublikah cioe' n-Nutar Dr. Enzo Dimech.

Din il-pjanta li tinsab esebita a fol. 102 tal-process tindika l-istess passagg indikat mill-Perit tal-Qorti a fol. 69 tal-process. Ma jirrizultax car mill-atti izda jekk il-hajt bil-kulur blu fuq il-pjanta fol. 69 tal-process hux gia mibni, jekk il-bieb indikat ghal fuq ir-raba' tal-atturi hux gia miftuh u jekk l-atturi ghandhomx a disposizzjoni taghhom ic-cwievet tal-bieb li mit-triq jaghti ghal gol-passagg.

Ix-xhud George Vella (hu l-konvenut) li kien parti mill-kuntratt fejn gie rikonoxxut id-dritt ta' passagg tal-atturi kkonferma ghal aktar minn darba fix-xhieda tieghu a fol. 113 et seq tal-process li l-intenzjoni tal-emenda kienet cara u cioe' li jithalla passagg ghar-raba' ta' wara li hija dik tal-atturi.

**Ligi appikabbli:**

Illi l-artikolu 474 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

(1) Is-sid tal-fond serventi ma jista' jaghmel xejn li jista' jnaqqas l-uzu tas-servitu' jew li jaghmel li dan l-uzu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista' jiddestina ghall-ezercizzju tas-servitu parti ohra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitu' kienet giet stabbilita' fil-bidu.

(2) Izda, jekk l-ezercizzju tas-servitu fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun giet iddestinata jsir ta' xkiel akbar ghas-sid tal-fond

serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista' minhabba dan l-ezercizzju jaghmel xoghlijiet, tiswijiet jew miljoramenti fil-fond tieghu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti ohra xorta wahda tajba ghall-ezercizzju tas-servitu, u dan ma jistax jirrifjutaha.

(3) It-tibdil tal-parti tal-fond iddestinata ghall-ezercizzju tas-servitu jista' wkoll isir fuq talba tas-sid tal-fond dominanti, jekk hu jipprova li dan it-tibdil huwa ghalih ta' gid kbir, u m'hu ta' ebda hsara ghall-fond serventi.

Il-konvenut fis-sottomissjonijiet finali tieghu jsostni li dan huwa kaz klassiku fejn ghandu japplika sub-artikolu (2) ta' l-artikolu kkwotat. Jaghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza kif isegwi:

'Kawza ferm interessanti fejn dan il-punt gie dibattut fit-tul kienet dik fl-ismijiet **Giuseppe Muscat et vs Giuseppe Bugeja et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1956.

F'dina l-kawza, il-Qorti kellha l-okkazzjoni li taghmel diversi riferenzi ghal diversi awturi u tislet bic-car kif is-sid tal-fond dominanti ghandu kull dritt li meta joffri alternattiva gusta jcaqlaq il-passagg originali. Di fatti, issir riferenza ghal Pacifici Mazzoni li dwar l-Artikolu fil-Kodici Taljan jghid hekk:

*... e' diretta a proteggere l'interesse generale del miglioramento dell'agricoltura e della propieta' urbana, che potrebbe essere impedito o reso piu' difficile e costoso dal mantenimento della servitu' nel suo stato originario (Servitu' Prediali para 131)*

L-istess awtur ikompli jsahhah it-tezi tieghu u jghid illi:

*Quanto all'impedimento di far lavori, opera e miglioramenti nel fondo gravato di servitu' ..... la detta facolta' compete per qualsiasi specie di lavori che il propietario del fondo servente vi voglia fare, e per qualsiasi specie di riparazioni di cui quello abbisogni, e per qualunque specie di miglioramenti che presentino un conveniente interesse acciocche` sia legittimato l'eccezionale diritto (Servitu' Prediali para 131 pag. 230)*

Dan l-argument jibqa' ukoll jissahhah b'awturi ohra bhalma huwa Ricci li huwa car fl-insenjament tieghu fis-sens illi:

*Quando il propietario del fondo dominante non soffre alcun incomodo per effetto del cambiamento, e questo sia d'altronde vantaggioso al fondo servente, non havvi ragione perche', per il puntiglio dell'utente la servitu', debba patir danno l'agricoltura o l'industria, a favorire le quali la legge impone appunto la servitu'.*

Kien ghalhekk u fuq il-bazi ta' dan l-insejament illi l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u di fatti ppermettiet it-tibdil fl-ezercizzju tas-servitu'. Di fatti l-istess Qorti tal-Appell tghid:

*Ghaldaqstant, is-sid ta' fond li hu suggett ghas-servitu' ta' passagg favur fond iehor jista' jiddestina ghall-ezercizzju ta' dak il-passagg parti ohra tal-fond serventi, jekk dan it-tibdil hu jaghmlu ghax ikollu vantagg jew interess li jaghmlu, u b'dan it-tibdil huwa ma jikkaguna ebda pregudizzju lill-fond dominanti, anzi jivvantaggjah.'*

Applikati l-kriterji tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 474 tal-Kap. 16 kif ukoll applikati l-principji enuncjati fil-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata l-Qorti tikkonkorri ma' dak espost mill-konvenut u cioe' li l-passagg alternattiv offert mill-konvenut indikat bhala proposta numru 3 fir-rapport tal-perit ma jikkaguna l-ebda pregudizzju lill-atturi anzi jivvantaggjahom ghaliex ghalkemm xorta wahda jibqa' passagg fil-livell tat-triq, tal-istess wisa' u bil-'concrete' huwa wkoll passagg ferm aqsar u ghalhekk l-atturi jistghu jaccedu ghall-ghalqa taghhom b'anqas sforz. Il-Qorti ssib ukoll sostenn f'din il-konkluzzjoni mill-Perit imqabbad minnha sabiex jaccertaha li din l-alternattiva mihjiex aktar oneruza mill-passagg li kien hemm ezistenti. Fl-istess hin din l-alternattiva ippermettiet li l-fond servjenti seta' jigi zviluppat.

Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha ma tistax tifhem l-insistenza kollha tal-attrici Margaret Vella li tibqa' tuza l-passagg li kien jezisti originarjament bit-tul kollu li kellu a skapitu tal-izvilupp tal-fond servjenti meta tezisti alternattiva sahansitra aktar vantaggjuza ghaliha ghajr ghall-pika bejn il-partijiet jew tpattija ghad-diversi tentattivi da parti tal-konvenut precedenti ghal din il-kawza li jelimina d-dritt ta' passagg tal-atturi kompletament. Dan izda ma kellux iwassal li ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet u l-kawza kellha tasal sal-punt ta' sentenza izda jwassal sabiex il-Qorti tqis li ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jaghmlu tajjeb iz-zewg partijiet.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' l-ewwel talba attrici;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut stante li l-passagg alternattiv indikat bhala proposta numru 1 fir-rapport tal-Perit mhux alternattiva idonea ai termini tal-artikolu 474 tal-Kap. 16;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tieni u t-tielet talba attrici filwaqt li tiddikjara li l-access alternattiv mill-blokka ta' l-appartamenti fi Triq Patri Anton Debono kif jidher immarkat fuq il-pjanta tal-Perit Shawn Micallef a fol. 69 tal-process (Dok SM04) jikkwalifika bhala 'parti ohra xorta wahda tajba ghall-ezercizzju tas-servitu u dan ma jistax jirrifjutaha' ai termini tal-artikolu 474 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-atturi ma jistghux jirrifjutaw din l-alternattiva;

3. Stante li ma jirrizultax lil din il-Qorti jekk sad-data tad-decizjoni l-hajt bil-kulur blu fil-pjanta a fol. 69 inbeniex, jekk saritx il-fetha li twassal ghall-ghalqa tal-atturi u wkoll jekk inghatawx ic-cwievet tal-bieb komuni u c-cwievet tal-bieb li jwassal ghar-raba' tal-atturi fejn dan ta' l-ahhar ghandu jkollhom access biss ghalih l-atturi, tinnomina lill-Perit Shawn Micallef sabiex jassigura li fi zmien massimu ta' xahrejn mid-data ta' din id-decizjoni, a spejjez tal-konvenut, jassigura li jitla' l-hajt indikat bil-kulur blu fil-pjanta a fol. 69, issir il-fetha ghall-gewwa r-raba' tal-atturi kif indikata fl-istess pjanta, isir bieb li jaghti ghar-raba' u li ghalih ikollhom access biss l-atturi kif ukoll li l-atturi jinghataw ic-cwievet tal-bieb li jwassal mit-triq ghall-parti komuni u jirrelata lill-Qorti dwar il-istess. Fin-nuqqas li dan isir mill-konvenut fit-terminu mpost fuqu, l-Qorti **<u>tilqa' limitatament u biss fid-dawl ta' dak deciz aktar 'il fuq</u>** ir-raba' talba tal-atturi b'dana li l-Qorti tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghlijiet indikati f'dan il-paragrafu huma stess a spejjez tal-konvenut.

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li l-ispejjez ta' din il-kawza nkluz dawk tar-rapport tal-Perit ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn

il-partijiet. L-ispejjez tal-Perit sabiex jassigura li jsiru x-xoghlijiet ordnati mill-Qorti jigu sopportati mill-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur